TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 97/14-F

**Carmen Agius Galea**
**vs**
**Mecca Enterprises**

Illum 7 t'Ottubru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 ta' Mejju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u sebgħin ewro (€170), rappreżentanti prezz ta' żewġ pupi u *toys* oħrajn, illi wara li xtrathom dawn ma ħadmux.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat mingħand id-ditta ntimata żewġ pupi waħda ta' tletin ewro (€30), u oħra ta' erbgħin ewro (€40), illi dawn ma kinux jaħdmu, u pram ta' ħamsa w sittin ewro (€65), liema pram ma kinitx dik li kienet għażlet. Xtrat ukoll tliet *revolvers* bħala *toys*, illi tnejn minnhom kienu difettużi u l-ieħor inqasam, u għalhekk qed titlob il-flus lura.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi tawha kollox ġdid u ġew lura kollox imkisser, u li offrewlha *voucher* ta' mija u sebgħin ewro (€170).

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li meta ħadu l-konsenja tat-*toys* ir-rikorrenti ma lmentatx u ma jfissirx illi t-*toys* ma kinux ta' kwalita' tajba. Pero' jirriżulta wkoll illi ġie offrut *voucher* ta' mija u sebgħin ewro (€170) da parte tas-soċjeta' ntimata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata illi toħroġ *voucher* ta' mija u sebgħin ewro (€170) a favur ir-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888